KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

**L-Onor. Robert Cutajar f'ismu u f'isem il-Membri Parlamentari kollha li jiffurmaw parti mill-Grupp Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista jipproponi:**

Peress li fis-seduta numru 436 ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu 2021 ingħata *ruling* mill-Ispeaker li fih iddeċieda li "*Peress illi s-Sedja tinnota illi l-kwestjoni li qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Robert Cutajar tqajmet fis-seduta tal-ġurnata ta' qabel, ċjoè tat-2 ta' Marzu 2021, il-mozzjoni dwar ksur ta' privileġġ kellha titqajjem f'dik is-seduta stess. Għaldaqstant is-Sedja mhux se tilqa' din il-mozzjoni dwar jekk hemmx prima facie każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tad-Deputat Prim Ministru l-Onor. Chris Fearne.*"

Peress li t-talba għal *ruling* kienet dwar dak li qal l-Onor. Chris Fearne waqt is-seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021 u ċjoè:

> "*Kien hemm nies mela ma kienx hemm li talbuni illi jaqbżu l-kju. Kien hemm nies, Kap tal-Oppożizzjoni, illi talbuni biex jaqbżu l-kju għat-tilqima, fosthom Membru Parlamentari tiegħek stess, talabni biex jaqbeż il-kju! Imma għidtlu le! Bħal m'għidt le lil ħaddieħor! U jekk għandek l-insinwazzjonijiet għamilhom ċari ħalli nirrispondik. Mela titfa l-insinwazzjonijiet u ma tgħidx x'inhuma!*".

Peress li l-Onor. Chris Fearne reġa' rrepeta l-istess allegazzjoni fil-konfront tal-Membri Parlamentari li jiffurmaw parti mill-Grupp Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista waqt is-seduta ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021 u ċjoè fil-ħin li l-Onor. Robert Cutajar għamel talba għal *ruling* dwar ksur ta' privileġġ;

Peress li fl-għoti tal-imsemmi *ruling* Mr Speaker injora għal kollox il-preċedent li ħoloq *ruling* mogħti mill-istess Speaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 289 tal-21 ta' Jannar 2020 fuq talba mressqa mill-Onor. Chris Cardona fis-Seduta 288 tal-20 ta' Jannar 2020 dwar Facebook post imtella' mill-Onor. Jason Azzopardi fil-5 ta' Jannar 2020 u ċjoè dwar meta t-talba għal *ruling* ma ssirx mal-ewwel opportunità iżda l-kliem li dwaru jintalab *ruling* jerġa' jiġi rrepetut waqt l-istess seduta li matulha jintalab ir-*ruling*;

Peress li jirriżulta b'mod ċar li l-Onor. Chris Fearne ma qalx il-verità dwar il-Membri Parlamentari li jiffurmaw parti mill-Grupp Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista u naqas milli jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu meta ġie mitlub jagħmel hekk mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech;

U peress li l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*ruling* tal-Ispeaker li ngħata fis-seduta numru 436 ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu 2021 għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.



**L-Onor. Robert Cutajar (Whip tal-Oppożizzjoni)**
f'ismu u f'isem il-Membri Parlamentari kollha li
jiffurmaw parti mill-Grupp Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista

10 ta' Marzu 2021